

32003R1158

L 162/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

1.7.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1158/2003**tat-30 ta' Ġunju 2003****jiffissa l-prezzijiet derivati ta' l-intervenzjoni għaz-zokkor abjad għas-sena tal-marketing 2003/04**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitá Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 680/2002 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 2(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 jiffissa l-prezzijiet ta' l-intervenzjoni għaz-zokkor abjad għaż-żoni li m'għandhomx żbilanċ ta' 63,19/100 EUR kilogrammi għas-snin tal-marketing 2001/02 sa l-2005/06.
- (2) L-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 jipprovd li l-prezzijiet derivati ta' l-intervenzjoni għaz-zokkor abjad għandhom jiġu ffixati għal kull żona żbilanċjata kull sena. Meta dawk il-prezzijiet jiġu ffixati, jridu jiġu kunsidrati l-varjazzjonijiet reġjonali fil-prezzijiet taz-zokkor, li, jekk ikun hśad normali u jkun hemm moviment ħieles taz-zokkor, huma mistennija li jseħħu taħt kondizzjonijiet normali tal-formazzjoni tal-prezzijiet fis-suq u minħabba l-esperjenza akkwistata u l-ispejjeż tat-trasportazzjoni taz-zokkor minn żoni fejn hemm iż-żejjed għal żoni fejn hemm żbilanċ.
- (3) Biex tistabbilixxi jekk żona hijiex żona ta' żbilanċ, għandhom isiru proġettazzjonijiet ibbażati fuq data li tagħti kont mill-Istati Membri li tirrelata kemm għas-sena kurrenti tal-marketing fir-rigward ta' tendenzi tal-konsum, u għall-prospetti għas-sena tal-marketing li gejjja fir-rigward ta' żviluppi fil-produzzjoni li jkun

hemm. Minħabba fhekk, żoni għandhom jiġu rikonoxxuti bħala żvantaġġjati biss meta l-proġettazzjonijiet jindikaw biċ-ċar li x'aktarx se jkun hemm żbilanċ.

- (4) Fuq dan il-prinċipju bażiku, iż-żoni ta' produzzjoni fi Spanja, l-Irlanda u r-Renju Unit, l-Italja, l-Portugall u l-Fillandja x'aktarx ikunu żoni ta' żbilanċ.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Immaniġġjar taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet derivati ta' l-intervenzjoni għaz-zokkor abjad fiż-żoni żbilanċjati fil-Komunitá għas-snin tal-marketing 2003/2004 se jkunu:

- (a) 64,88 EUR kull 100 kilogramma għaż-żoni kollha ta' Spanja;
- (b) 64,65 EUR kull 100 kilogramma għaż-żoni kollha ta' l-Irlanda u r-Renju Unit;
- (c) 65,53 EUR kull 100 kilogramma għaż-żoni kollha ta' l-Italja;
- (d) 64,65 EUR kull 100 kilogramma għaż-żoni kollha fil-Portugall;
- (e) 64,65 EUR kull 100 kilogramma għaż-żoni kollha fil-Fillandja.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 178, tat-30.6.1, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 104, ta' l-20.4.2, p. 26.